# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta' Lulju 2020

**Rikors Numru : 566/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MC**

**Vs**

**JM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MC datat 18 ta' Diċembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (30.09.2006) ara dok MC 1;*

2. *Illi minn dan iz-zwieġ ma kellhomx tfal;*

3. *Illi r-rekwiziti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (15.05.2013) in forza ta' kuntratt redatt minn Nutar Elena Farrugia ( ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala Dok MC 2)*

   ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin,*

   iii. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment stante li l-partijiet irrinunzjaw*

*għad-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin;*

4. *Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bħala Dok MC 3.*

5. *Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u / jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja l-ħall ta' żwieġ li ġie ċċelebrat mill-partijiet it-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' JM datata 29 ta' Jannar 2020 fejn din irrispondiet hekk:

*Illi hija qiegħda taqbel mal-kontenut tar-rikors suindikat u mat-talbiet imressqa mir-rikorrenti MC u għalhekk ma topponix illi ż-żwieġ tagħhom jinħall u jiġi ppronunzjat id-divorzju bejniethom.*

Rat ix-xhieda tal-partijiet mogħtija permezz tal-proċedura tal-affidavit;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Mill-affidavit tiegħu, MC – a fol 12 tal-proċess, xehed illi huwa izzewweġ lil JM nhar it-30 ta' Settembru 2006 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Elena Farrugia fil-ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax. Illi ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment stante li l-partijiet irrinunzjaw għad-dritt li jirċievu manteniment minn xulxin. Illi l-partijiet illum jgħixu ħajja separata u ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni.

Mill-affidavit tagħha JM ikkonfermat x-xhieda żewġha MC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Settembru 2006 (Vide Dok MC fol 3) u li minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia, datat 15 ta' Mejju 2013 (vide Dok. MC 2, fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi manteniment dovut bejn il-partijiet ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**